SANTA LUĊIJA

**MINUTI – IS-SITT KUNSILL**

**LAQGĦA NUMRU 21-13**

Illum il-Ġimgħa, 29 ta' Novembru 2013

Il-Kunsill iltagħqa fl-Uffiċċju Amministrattiv, 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol, Santa Luċija fil-5.00 pm.

**PREŻENTI**

Is-Sindku Frederick Cutajar, il-Viċi Sindku Terrance Ellul u l-Kunsilliera: Joe Bonello u Victor Camilleri. Prezenti wkoll kien hemm l-Ambaxxatriċi taż-Żgħażagħ, Clare Mamo.

**SKUŻATA**

Il-Kunsilliera Caroline Galea bagħtet tinforma l-Kunsill li ma setgħetx tattendi għal din il-laqgħa minħabba mpenji oħra.

**TALBA**

Is-Sindku qal it-talba.

**1. MINUTI**

Il-Minuti tal-Laqgħa numru 19-13 li saret nhar it-Tnejn 28 ta' Ottubru 2013 u l-Laqgħa numru 20-13 li saret b'urġenza nhar il-Ħamis, 7 ta' Novembru 2013 ġew moqrija u approvati.

**1.1 *Mill-Minuti***

***1.1.1 Sotto Kumitat għall-Anzjani***

Saret referenza għall-minuta 4.5 tal-laqgħa preċedenti u ġie deċiż li jinħareġ avviz għal min hu nteressat jagħti s-sehem tiegħu f'dan is-Sotto Kumitat li ser jissejjaħ Anzjani Attivi.

***1.1.2 Surveillance Cameras f'Santa Luċija***

Is-Sindku rrefera għal minuta 4.6 tal-laqgħa preċedenti u qal li ser ikollu laqgħa mas-Supretendent tal-Pulizija dwar il-proposta ta' *surveillance cameras* f'Santa Luċija.

***1.1.3 Iz-Zuntier tal-Knisja***

Is-Sindku rrefera għal minuta 9.6 tal-laqgħa preċedenti u qal li l-proposta dwar iż-żuntier tal-knisja għanda tiġi diskussa ma' l-periti tal-Kunsill.

**2. KORRISPONDENZA**

**2.1 *Listi***

Lista tal-korrispondenza riċevuta u lista oħra tal-korrispondenza mibgħuta mill-Kunsill bejn id-29 ta' Ottubru 2013 u id-29 ta' Novembru 2013 ġew ippreżentati fil-laqgħa.

Kopja taż-żewġ listi ntbagħtu lil Kunsilliera kollha.

**2.2 *Korrispondenza miġjuba għall-attenzjoni tal-Kunsill***

**2.2.1 *Ittri mibgħuta mill-Kunsill:***

- 1130-13-O – Mepa – PA No.02925-13
- 1155-13-O – Ministeru għall-Familja u Solidarjeta Soċjali – Kwestjonarju dwar Servizzi Soċjali fil-lokalitajiet
- 1214-13-O - Green Mt – Tiġdid tal-Kuntratt u Pendenzi oħra

**2.2.2 *Ittri li rċieva l-Kunsill:***

- 1145-13-I – *CommCare Assessment Unit – Community Care*
- 1183-13-I – Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali – *Energy Audit - LC*
- 1186-13-I – *Community Education Team – Basic First Aid for Local Council*
- 1212-13-I – Segretarjat Parlamentari għall-Kultura u Gvern Lokali – Pjan għall-immaniġjar ta' l-Iskart 2013-2020.
- 1218-13-I – *Inspire Foundation – World Disability Day*
- 1183-13-I - Assoċjazzjoni għal Kunsilli Lokali – *Energy Audit - Santa Luċija Local Council Administrative Office*

**2.3 *Rapporti u Dokumenti oħra ppreżentati lil Kunsill:***

- **SLLC Memo 13/2013 – Memo 26/2013 Ambaxxatur fil-Kunsill Lokali**
- **SLLC Memo 14/2013 – Funeral tas-Sinjura Antonette Balzan**
- **SLLC Memo 15/2013 – Laqgħa tal-Kunsill 20/13**
- **SLLC Memo 16/2013 – Laqgħa b'urgenza tal-Kunsill 20-13 (07-11-2013)**
- **SLLC Memo 17/2013 – Novena tal-Milied**
- **SLLC Memo 18/2013 – Laqgħa mal-President ta' l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fit-22 ta' Novembru 2013**
- **SLLC Memo 19/2013 - Xogħol fuq trinka fi Triq Peprin**

**3. PUNTI MQAJMA**

**3.1** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 1145-13-I, is-Segretarju Eżekuttiv għanda titlob aktar informazzjoni minn *Commcare* dwar din il-korrispondenza.

**3.2** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 1183-13-I il-Kunsill innota rapport dwar *Energy Audit* li sar fl-Uffiċċini tal-Kunsill ta' Santa Luċija. Għandu jsir evalwazjoni ta' dan ir-rapport u r-rakkomandazzjonijiet għal użu tal-enerġija b'aktar effiċjenza.

**3.3** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 1186-13-I il-Kunsill qabel li kien interessat f'dawn is-sezzjonijiet edukattivi fuq *first aid* li qed jiġu offruti lir-residenti mingħajr ħlas. Is-Segretarju Eżekuttiv għandha tikkordina din l-inizjattiva.

**3.4** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 1212-13-I is-Sindku qal li l-Kunsill kien irċieva l-presentazzjoni tal-Abbozz tal-Pjan għall-Immaniġġjar tal-Iskart 2013-2020. Huwa qal li hu u s-Segretarju Eżekuttiv kienu attendew għal Seminar dwar dan l-Abbozz fejn dawk preżenti kellhom l-opportunita' jagħtu l-opinjoni tagħhom f'dan ir-rigward.

**3.5** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 1218-13-I il-Kunsill innota stedina mill-*Inspire foundation* biex jipparteċipa f'attivita mtella' fl-okkazzjoni ta' *World Disabiltiy Day* fejn il-Kunsill intalab jipparteċipa u jagħti donazzjoni lil Inspire Foundation. Gie nutat li għalkemm il-Kunsill ma setax jagħti donazzjoni huwa xorta jgħin lil Inspire Foundations billi kemm il darba ipprovda l-post fejn dawn setgħu jtellu attivitajiet għal ġbir ta' fondi.

## 4. KOMUNIKAZZJONIJIET

### 4.1 *Attivita' ta' l-Iskola Sekonarja tal-Bniet Kulleġġ San Thomas More*

Is-Sindku nforma l-Kunsill li l-Iskola Sekondarja tal-Bniet f'Santa Luċija talbet il-koperazzjoni tal-Kunsill biex jinżraw madwar tlettax il-siġra fil-konok eżistenti li hemm ma' l-parametru ta' l-iskola fi Triq il-Kunsill ta' l-Ewropa. Is-Sindku qal li l-Kunsill ser ikun qed jieħu ħsieb il-permess biex tingħalaq il-parti kkonċernata ta' din it-triq u qed jagħmel arranġamenti biex jiġu ppreparati l-konok biex jinżraw is-siġar. Huwa qal li għal din l-attivita' ser ikun mistieden il-Ministru ta' l-Edukazzjoni l-Onor.Evarist Bartolo. Is-Sindku qal ukoll li ressaq proposta waqt il-laqgħa tar-Reġjun biex l-ispiża tal-*wardens* waqt din l-attivita' titħallas mir-Reġjun. Huwa qal li din it-talba ġiet milqugħa.

### 4.2 *Siġra fi Triq l-Iris*

Is-Sindku qara *e-mail* mibgħuta minn residenta fi Triq l-Iris dwar problema kkawzata mill-għeruq ta' siġra quddiem ir-residenza tagħha. Huwa qal li apparentament l-għeruq ta' din is-siġra diġa għollew it-triq u hemm il-biża li ser jagħmlu ħsara ukoll fid-dar ta' din ir-residenta. Il-Kunsill qabel li jinvestiga dan l-ilment bil-periti tal-Kunsill biex ikollu gwida ta' kif jista' jipproċedi.

### 4.3 Payroll System

Is-Segretarju Eżekuttiv resqet kwotazzjoni biex tinxtara *payroll system* biex jiġu pproċessati l-paġi tal-ħaddiema b'aktar effiċjenza. L-ispiża nvoluta hija ta' €120.00 li titħallas darba u *yearly subscription* ta' €202.00. Il-Kunsill qabel li l-amministrazzjoni jkollha *payroll system*. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ser tkun

qed tiġbor kwotazzjonijiet oħra minn *suppliers* li joffru dan is-*software* u dan is-servizz.

**4.4 Ikla tal-Milied u Attivita tal-Milied għal Komunita'**

Is-Sindku ppropona li ssir ikla tal-Milied għal membri u staff li għalija ser ikunu mistiedna wkoll id-Delegazzjoni Ċiniża minn Gusu District li ser tkun Malta f'dawn il-ġranet. Is-Sindku spjega li d-distrett ta' Jin Chang li miegħu l-Kunsill għandu ġemellaġġ, issa inaqgħad ma' żewġ distretti oħra biex jiffurmaw Gusu District.

Is-Sindku qal li bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet tal-festi tal-Milied, din is-sena ser tiġi organizzata attivita għal kommunita li matulha ser tittella serata ta' mużika u żfin. Huwa qal li għal din l-attivita' ser jiġu mistiedna jattendu l-ħaddiema Ċiniżi li qed jaħdmu bħalissa fuq il-proġett ta' Ġnien is-Serenita' bħala apprezzament mill-Kommunita' ta' Santa Luċija għax-xogħol li qed jagħmlu b'tant dedikazzjoni u professjonalita'. Is-Sindku qal ukoll li ser ikun hemm riċevement żgħir għal din l-okkazzjoni.

**4.5 *Memo 25/2013 – Skema ta' Attivitajiet 2013-2014***

Is-Sindku nforma l-Kunsill li kienet tħejjiet applikazzjoni għal fondi taħt l-iskema hawn fuq imsemmija dwar attivita li ser tittella mill-Iskola Sekondarja tal-Bniet tal-Kulleġġ Saint Thomas More bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill. Huwa qal li din l-attivita bl-isem ta' WAW*(what a weekend*) hija ppjanata li ssir fix-xahar ta' Mejju 2014 u fiha ser ikun hemm attivitajiet b'temi kulturali, sportivi u tradizjonali li fihom jistgħu jipparteċipaw ir-residenti ta' kull eta'.

**4.6 *Ħaddiem ta' l-ELC Ltd assenjati ma' l-Kunsill***

Is-Sindku rrefera għal kuntratt li l-Kunsill għandu ma' ELC Ltd, għaż-żamma u manutenzjoni ta' ġonna. Huwa qal li minn nhar it-Tnejn, 2 ta' Diċembru 2013 il-Kunsill mhux ser ikollu tnejn minn nies assenjati miegħu kif kellu sa' llum. Huwa qal li s-servizz ser jibda jingħata permess ta' grupp ta' ħaddiema ta' l-istess kumpanija li ser jibdew jiġu jagħmlu x-xogħol kif ikun ġie miftiehem bejn is-*suprevisor* inkariġat u l-Kunsill.

**4.7 *Job Exposure Scheme***

Is-Sindku rrrefera għal *Job Exposure Scheme* li qed tiġi varata mill-Iskola Dun Manuel Attard *Young Adult Education and Resource Centre* li ġiet diskussa fil-laqgħa numru CM19-13. Huwa qal li l-Kunsill qed jagħmel l-arranġamenti neċessarji biex jilqa żewġ studenti minn din l-iskola biex iwettqu *work placement* bejn Jannar 2014 u April 2014. Huwa qal li dawn l-istudenti ser ikunu qed jagħmlu xogħol fil-librerija Pubblika.

## 5. AFFARIJIET FINANZJARJI

### 5.1 *Ħlas ta' pagamenti*

Approvazzjoni għall-ħlas ta' kontijiet permezz ta' ċekkijiet minn numru BOV4788 sa numru BOV4841 kif illistjati fl-iskeda tal-pagamenti għal perjodu bejn it-8 ta' Ottubru 2013 u t-18 ta' Novembru 2013 (Skeda Nru.CM21).

Lista ta' *Schedule of Payments* intbagħtet lil Kunsillieri kollha flimkien mal-Minuti numru CM19-13(28-10-13) u Minuti numru CM20-13(07-11-13).

### 5.2 *Approvazzjoni għall-Ħlas tas-Salarji*

Salarji għax-xahar ta' Novembru 2013 Ammont *Gross* €4976.60

### 5.3 *Approvazzjoni għall-Ħlas ta' Kontijiet dwar Xogħolijiet bil-Kuntratt:*

| Kuntrattur | Kuntratt | kont | Euro |
|---|---|---|---|
| R.Caruana | RM/PF(57-12-02) | 12-013 | 4383.11 |
| R.Caruana | RM/PF(57-12-02) | 11-013 | 454.10 |
| Ronald Bezzina | BR(57-12-03) | Inv.7 – Serv Aug,13 | 296.40 |
| Ronald Bezzina | BR(57-12-03) | Inv.8 – Serv Sept.13 | 313.95, |
| Ronald Bezzina | BR(57-12-03) | Inv.9 – Serv Oct,13 | 308.10 |
| Ronald Bezzina | RC(57-10-01) | Inv.41 – Serv Oct.13 | 2864.25 |
| ELC Ltd | PKG 57 | 10112-Serv.Oct.13 | 2061.50 |
| Owen Borg | SS(57-12-01) | 18 Serv.Oct.13 | 1025.20 |

## 6. RAPPORT FINANZJARJU GĦAL PERJODU 01-01-2013 u 30-09-2013

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet quddiem il-Kunsill rapport finanzjarju għal perjodu hawn fuq imsemmi. Preżenti għal din il-laqgħa kien hemm l-*accountant* tal-Kunsill li tagħt rendikont finanzjarju tad-dħul u nfieq tal-Kunsill għal dan il-perjodu. Is-Sindku rrimarka li fit-*template* tal-*quarterly reports* preċedenti wieħed seta jara *break down* tal-*budget* għal kwazi kull *nominal account* tal-Kunsill u wieħed seta jagħmel paragun ma' dak li kien hemm ibbaġġitjat u dak li atwalment intefaq. Huwa ppropona li s-Segretarju Eżekuttiv għandha tikteb lid-Dipartiment għal Gvern Lokali biex it-*template* li qed tintuża bħalissa tiġi emendata biex tiġi nkluża din l-informazzjoni.

## 7. KWOTAZZJONI RE:SLLCQ(57-13-01)

Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lil Kunsill li kienet iltaqgħet ma' l-kuntratturi li tefgħu l-orħos żewġ offerti għal kwotazzjoni hawn fuq imsemmija. Hija qalet li l-orħos kuntrattur kien Jason Attard lis-servizz li qed joffri jinkludi li hu jkun preżenti għal kull laqgħa tal-Kunsill biex iħaddem l-apparat u jindirizza kull problema teknika li tista tinqala waqt l-*online streaming* tal-laqgħat tal-Kunsill. Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li s-Sur Attard kien ta xi pariri tekniċi ta' kif is-servizz jista jingħata b'mod aħjar minn dak li qed jiġi mitlub f'i*specifications* u kien ser jibgħat il-lista ta' l-apparat li nkluda fil-kwotazzjoni tiegħu u l-benefiċċji li joffri. Il-Kunsill qabel li l-kwotazzjoni tas-Sur Attard għandha tinbagħt għall-approvazzjoni tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

## 8. Kuntratt Ref: SLLCWR(57-13-02) Construction of Underground Water Reservoir fi Triq il-Ġnien

Il-Kunsill iddiskuta l-offerti li ntefgħu għas-sejħa bir-referenza hawn fuq imsemmija li kienet għalqet f'nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, 15 ta' Novembru 2013. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li għal din is-sejħa kienu ntegħfu sitt offerti u ppreżentat lista tal-Kuntratturi u l-offerti li ntefgħu kif ġej:

| | | |
|---|---|---|
| Mangion Brothers | € 40,094.75 | Excluding VAT |
| Schembri Barbos Lt | € 22,629.66 | Excluding VAT |
| Ritemix Ltd | € 23,516.33 | Excluding VAT |
| Polidano Brothers | € 23,149.94 | Excluding VAT |
| Ricky Caruana | € 18,030.00 | Excluding VAT |
| Joseph Desira | € 30,885.29 | Excluding VAT |

Is-Sindku qal li l-periti tal-Kunsill ħejjew *Adjudication Report* fuq l-offerti li ntegħfu għal din is-sejħa. Huwa ppreżenta dan ir-rapport li kien jirrakommanda li dan il-Kuntratt jingħata lil Ricky Caruana li tefgħa l-orħos offerta. Is-Sindku qal li l-Kunsill qed jistenna xi kjarifika mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar il-Bid Bond ta' l-offerta ta' Ricky Caruana. Il-Kunsill qabel li jekk ma jkunx hemm oġġezzjoni mid-Dipartiment, dan il-kuntratt għandu jingħata lil Kuntrattur Ricky Caruana.

## 9. KUNTRATT GREEN MT

Is-Sindku irrefera għal kuntratt li l-Kunsill għandu ma' Green Mt li issa ilu skadut minn Awissu 2013. Huwa qal li minkejja li l-Kunsill ġie mwiegħed *draft* tal-kuntratt il-ġdid biex ikun jista' jiġi approvat mill-Kunsill, dan baqgħa ma ntbagħtx. Is-Sindku qal ukoll li ntbagħtu diversi *e-mails* f'dan ir-rigward fejn inġibdet l-attenzjoni ta' Green Mt dwar diversi pendenzi relatati ma' l-kuntratt imsemmi.

## 10. XOGHOLIJIET

### 10.1 *Proġett ta rinovazzjoni ta' Ġnien is-Serenita'*

Is-Sindku rrefera għal proġett tal-Ġnien Ċiniż u qal li x-xogħol miexi kif ippjanat. Huwa rrefera għall-Memo SLLC19-13 u qal li t-trinka li kellha ssir biex jiġi mqabbad id-dranaġġ kienet lesta. Huwa qal li baqgħa biss it-trinka u tqegħid tal-*cable* ta' l-Enemalta liema xogħol ser jiġi kordinat mill-Ministeru tal-Finanzi. Is-Sindku ta wkoll informazzjoni dwar l-għamara li ser tiġi provduta minn naħa Ċiniża u ppreżenta lista ta din l-għamara bi stil Ċiniz li ser titqiegħed fit-*Tea Room*, fl-*Exhibition Room* u l-*Pavillon*. Is-Sindku qal ukoll li ser tiġi nstallata sistema ta' *surveilance cameras* madwar il-ġnien kollu. Huwa temm jgħid li x-xogħol fuq dan il-proġett mistenni jkun lest f'Jannar 2014.

### 10.2 *Xogħol ta' manutenzjoni*

Is-Sindku ppreżenta żewġ kwotazzjonijiet għal xogħol fl-*area* ta' quddiem Block F fi Triq il-Peprin. Huwa qal li l-ispiża nvoluta tammonta għas-somma ta' €1132.00 Vat inkluz u tkopri xogħol ta' pavimentar ta' l-*area* quddiem l-entratura tal-*Block* bil-mattonċina li nqalgħet minn Gnien is-Serenita. Huwa spjeġa li quddiem *Blokk* F l-art saret kollha ħadra bl-umdita' u hija perikoluża ferm għax tiżloq. Huwa qal li x-xogħol propost għandu jindirizza din il-problema.

Kwotazzjoni oħra li tresqet għall-approvazzjoni tal-Kunsill kienet dik biex isiru żewġ rampi żgħar fi Triq Guljetta Lopez. L-ispiża nvoluta tammonta għas-somma ta' €145.00 Vat inkluż.

It-tielet kwotazzjoni li tammonta għas-somma ta' €190.00 Vat inkluż kienet tirrigwarda xogħol biex jinħatt il-monument *'Sfera della Vita'* minn Pjazza 7 ta' Lulju. Is-Sindku spjega kif dan il-monument sofra ħsara konsiderevoli meta ċeda l-*frame* tal-ħadid li miegħu kienu marbuta il-biċċiet taċ-ċiramika li kienu jiffurmaw dan il-monument. Is-Sindku qal li minn spezjoni li saret mill-artist li ħadem dan il-monument jidher li dan jinsab fi stat irreparabli u jrid isir monument ieħor minfloku. Huwa kompla jgħid li bħalissa l-artist jinsab impenjat ħafna u jkun jistgħa jibda jaħdem fuq din il-proposta f'April 2014.

Il-Kunsill approva t-tlett kwotazzjonijiet hawn fuq imsemmija bix-xogħol quddiem block F x'aktarx jitħalla għal-Jannar 2014 minħabba l-festi tal-Milied.

**10.3** ***Resurfacing ta' Triq il-Gnien taħt l-Iskema ta' PPP***

Is-Sindku nforma l-Kunsill li l-kuntrattur Ritemix kien beda l-proċedura biex jinħareġ il-permess biex jibda x-xogħol li jinkludi trinka għal *main* tal-ilma tul Triq il-Ġnien kollha u *resurfacing* ta' din it-triq. Is-Sindku qal li huwa ppjanat li x-xogħol jibda f'Jannar 2014.

**10.3** ***ATM tal-BOV***

Is-Sindku tkellem dwar xi pendenzi li qed itawlu l-proċess biex jinħareġ il-permess tal-Mepa għal installazzjoni ta' l-ATM f'Dawret it-Torri. Is-Sindku qal li skond il-periti tal-Kunsill il-Mepa qed tistenna *feedback* mill-KNDP dwar l-emendi li ressqu l-periti dwar l-aċċessibilita'. Is-Sindku qal li l-periti ser ikunu qed isegwu dawn il-pendenzi ma' l-KNDP ħalli jaraw fejn weħlu l-affarijiet.

**11 TMIEM**

Il-Laqgħa ntemmet fis-7.00 p.m.

Il-Kunsill jerġa’ jiltaqa' nhar il-Ħamis, 19 ta' Diċembru 2013 fl-4.00 p.m

**Caroline Silvio**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Approvati llum ....................,...... ta' ......................… 2013**

**Frederick Cutajar**
**Sindku**